**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 203/2023 DC**

***Brian Degiorgio (K.I. Numru 438776M)***

***vs***

***Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali; u***
***L-Avukat tal-Istat***

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Il- Qorti;**

Rat **ir-rikors tal-attur** ippreżentat fit-18 ta' April, 2023 permezz ta' liema ppremetta:-

1. *Illi b'rikors ġuramentat intavolat minn Maria Stella Calleja fl-4 ta' Awwissu 2014 hija talbet li Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tikkundanna lill-esponent iħallasha s-somma ta' Lm25,000 (€58,234.25), bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali, rappreżentanti kumpens miftiehem bejn il-partijiet.*

2. *Illi fir-risposta ġuramentata tiegħu, l-esponent oppona bil-qawwa din it-talba u eċċepixxa, fost oħrajn, it-transazzjoni ta' bejn il-partijiet u l-ħlas għas-saldu.*

3. *Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2016, l-esponent ġie kundannat iħallas lill-imsemmija Maria Stella*

*Calleja s-somma ta' €58,240 bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju 2013, oltre l-ispejjeż.*

4. *Illi l-esponent appella minn din is-sentenza u kkontesta bil-qawwa l-apprezzament kemm legali kif ukoll dak fil-mertu li l-Ewwel Qorti għamlet għall-eċċezzjonijiet tiegħu.*

5. *Illi l-esponent intavola l-appell tiegħu fl-24 ta' Ottubru 2016.*

6. *Illi l-appell ġie appuntat għall-ewwel dehra fil-21 ta' Ottubru 2021, prattikament 5 snin wara li l-esponent intavola l-appell tiegħu, ġie differit għan-notifka u trattazzjoni għat-13 ta' Jannar 2022, u ġie deċiż fis-17 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-esponent.*

7. *Illi għalkemm il-kawża infisha kienet ħadet prattikament sentejn biss biex tinstema u tiġi deċiża, u għalkemm l-appell, minn meta ġie appuntat, ħa biss ħames xhur sakemm instema, ġie trattat u deċiż, komplessivament, il-kawża damet tmien snin, fejn ħamsa minnhom kienu biss stennija sakemm jiġi appuntat l-appell tal-esponent.*

8. *Illi l-istennija ta' ħames snin għal raġunijiet amministrattivi u/jew sabiex jiġi appuntat l-appell tal-esponent, fejn l-esponent kien qed jikkontesta bil-qawwa li huwa kellu jħallas kwalunkwe ammont, mhijiex ġustifikabbli, aktar u aktar meta wieħed iqis li dik l-istennija bla ebda ħtija tal-esponent swietu €23,264.75 f'imgħaxijiet kalkolati fuq il-kapital mitlub minn Maria Stella Calleja.*

9. *Illi dan id-dewmien jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent kif sanċiti fl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), liema dewmien eżagerat ma jistax jigi ġustifikat.*

U wara li hekk ippremetta, l-attur talab lil din il-Qorti :-

(i) *Tiddikjara u tiddeċiedi li d-dewmien imġarrab mir-rikorrent fil-kawża Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio (Rikors Ġuramentat Numru 691/2014) jikkostitwixxi dewmien irraġonevoli u li jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu, senjatament dawk protetti bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;*

*(ii) Tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet, tagħti dawk l-ordnijiet, rimedji u provvedimenti kollha meħtieġa biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija tal-esponent, inkluż tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens xieraq lill-esponent għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet funħamentali tiegħu, biex jagħmlu tajjeb fost oħrajn għad-danni u t-telf li ġarrab, u għall-imgħaxijiet li huwa ġie kundannat iħallas għal dak iż-żmien kollu ta' dewmien irraġonevoli u/jew inġustifikat kif hawn fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-konvenut l-Avukat tal-Istat** ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 2023 permezz ta' liema eċċepixxa :-

1. *Illi qabel mal-esponent jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għandu jingħad li ġaladarba l-esponent ma kienx parti mill-kawża fl-ismijiet Maria Stella Calleja vs Brian Degorgio (Rik. Gur. 691/2014), hu m'huwiex edott mill-fatti u mill-proċess tal-atti fil-kawża sopraċitata u għalhekk jirriserva d-dritt li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri ladarba l-esponent jieħu sfond tal-fatti li wasslu għal din il-kawża odjerna u x'wassal sabiex tiġi deċiża fis- 17 ta' Marzu 2022;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti abbażi ta' allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba dewmien fil-proċeduri tal-Kawża b'rikors nru. 691/2014, l-ewwel nett jingħad illi r-rikorrent għandu jġib prova li tabilħaqq kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri msemmija, u li ġarrab ħsara minħabba dan id-dewmien;*

4. *Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja.*

*Kif jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-*ktieb *Law of the European Convention on Human Rights:*

*"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stögmüller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].*
*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*;

5. *Illi għalhekk, mhuwiex sufficċjenti li wieħed jilmenta biss fuq it-*tul tal-*proċeduri meta jiġi allegat ksur* tad-dritt *ta' smiegħ raġonevoli fi żmien xieraq, iżda r-rikorrent irid jipprova li ċ-ċirkostanzi varji surreferiti avveraw ruħhom fil-kawża ċivili in kwistjoni u li d-*dewmien *kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġah fit-*tgawdija *tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi;*

6. *Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzju, tajjeb li jingħad li hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġjonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-*astratt *jew min-*numru *ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi* partikolari tal-*każ li jkun;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, huwa aċċettat ukoll li ma hemm l-ebda* time limit *li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-*interessi *tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda u inkonsulta, dan iżjed b'mod partikolari meta l-kawża tkun waħda ta' natura sensittiva bħal kawża ċivili in kwistjoni;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid juri li huwa ma kkontribwixxiex għal dan l-allegat dewmien;*

9. *Illi effettivament anka minn qari tar-rikors kostituzzjonali jirriżulta illi minkejja li r-rikorrenti ippretenda illi l-kawża nru. 691/2014 kellha tiġi deċiża fil-Prim'Istanza b'eżitu favorevoli għalih, tant illi jgħid "ikkontesta bil-qawwa l-apprezzament kemm legali kif ukoll fil-mertu" u "kien qed jikkontestat bil-qawwa li huwa kellu jħallas kwalunkwe ammont..." dak li irriżulta huwa illi l-appell tiegħu ġie miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra tiegħu u għalhekk dak li jagħti x'jifhem fir-rikors kostituzzjonali li suppost kien ċar u favurih, m'huwa xejn a fattu;*

10. *Illi di piu anke anke jekk dato ma non concesso seta kien hemm xi preġudizzju sufferit minħabba dewmien, dan effettivament soffrieh il-kreditur appellat ta' dik il-kawża (nru. 691/2014) u mhux r-rikorrent li kien l-parti sokkombenti f'dawk il-proċeduri fiż-żewg istanzi;*

11. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti issib xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali kif pretiż mir-rikorrent, dikjarazzjoni ta' leżjoni għandha tkun suffiċjenti;*

12. *Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li dawn il-proċeduri mhumiex ta' culpa aquiliana jew kawża tad-danni, dato ma non concesso kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrent irid jġib prova tajba tal-ħsara u allegati danni li sofra fil-ħajja professjonali u personali tiegħu u kif ukoll irid juri li tali danni li allegatament ġarrab kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien irraġonevoli tal-intimati jew minn minnhom fil-proċeduri ċivili in kwistjoni;*

13. *Illi għar-raġunijiet kollha fuq esposti l-ilment ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jimmerita li jiġi miċħud u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

14. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **ir-risposta tal-konvenut ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** ppreżentata fil-5 ta' Ġunju, 2023 permezz ta' liema eċċepixxa:-

1. *Illi in linea preliminari jiġi eċċepit illi l-eċċipjenti Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi attriċi u għalhekk għandu jiġi liberat, mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

2. *Illi mir-rikors tiegħu jidher li r-rikorrenti qed jattribixxi l-ilment tiegħu għal fatt illi l-appell intavolat minnu dam ħames snin sabiex jiġi appuntat għar-raġunijiet hawn taħt indikati żgur li ma jistax iwieġeb jiġi tenut responsabbli l-esponenti.*

3. *Illi b'referenza għal leġislazzjoni Sussidjarja (Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l Bon-ordni ) partikolarment għal artiklu 9 jiġi rilevat illi l-esponenti jimxi skond dawk id-direttivi li jingħatawlu mill-Qorti rigward is-smigħ tal-kawżi.*

4. *Illi di piu'ai termini tal-istess artiklu, il-kawża jiġu appuntati u sussegwentament jitqiegħedu fuq il-listi skond il- ħtiega u fuq ordni tal Imhallef jew maġistrat partikolari u f'dan ir-rigward l-esponenti m'għandu ebda poter li jappunta data jew iqiegħed kawża fil-lista mingħajr ordni tal-Qorti;*

5. *Illi f' dan ir-rigward ssir riferenza għal -kawża fl-ismijiet Carmelo Sive Charles Delia et vs Reġisratur tal-Qrati et deċiża mill-Qorti Kostituzzojnali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-pożizzjoni tar-Registratur tad-Direttur tal-Qrati speċifikament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m' għandhux ir-rapreżentanza tal-Qrati u mhux persuna leġittima biex joqgħod f' kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentiali ġew vjolati bi proċedura pendenti quddiem il- Qorti ;*

6. *Illi in oltre l-esponent jagħmel referenza fl-ismijiet George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati rat deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-08 ta' Novembru 2004, fejn intqal:*

   *'Hu ben saput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u f' dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwar attribwali għal operat tal-Qorti, allura ir-Reġistratur tal-Qorti , li hu biss inkarigat mill-*

*amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur'.*

7. *Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas kienu involut fil-materja u għalhekk żgur li l-ilment tar-rikorrenti mhux tort tal-esponenti ;*

8. *Illi multo magis il-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv u għalhekk dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan il-kuntest l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill lokali Fgura deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta 'Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

   *'Kwantu għall-appellat Reġistrtur , Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f' din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakat bir-rikors promotorju – anzi bil-kontra, huwa jieħu l-ordinijiet minn għandhom skond il-liġi – hu hu ma hux f' posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x' tiċċensura fuq il-livell Kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*

9. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri .*

Semgħet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali inkluż in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenut Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat

Illi l-lanjanza f'din il-kawża hija li kien hemm dewmien irraġonevoli imġarrab mill-attur minħabba d-dewmien fil-kawża *Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio*[1] liema kawża ġġib in-numru ta' riferenza 691/2014.

## IL-PROVI

[1] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 t'Ottubru 2016 u mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2022.

Illi l-provi f'din il-kawża jikkonsistu primarjament fl-atti tal-kawża *Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio* fiż-żewġ istanzi tagħha. L-imsemmija proċessi ġew allegati mal-proċess ta' din il-kawża bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet waqt l-ewwel seduta f'din il-kawża miżmuma nhar it-8 ta' Ġunju 2023.

Illi l-mertu tal-kawża 691/2024 huwa essenzjalment talba ta' ħlas għal servizzi reżi fuq bejgħ ta' propjeta immobbli, bid-difiża tkun li dan l-ammont diġa kien tħallas fl-intier.

Illi dik il-kawża kienet ġiet ippreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 t'Awwissu tas-sena 2014 u ġiet deċiża mill-istess Qorti nhar il-5 t'Ottubru 2016 wara li nżammu 14-il seduta fuq medda ta' sentejn u xaharejn; medja ta' seduta kull ftit inqas minn xaharejn. Il-maġġor parti tas-seduti ġew utilizzati u ma kien hemm ebda seduta differita b'ordni tal-Qorti.

Is-seduti inżammu hekk:
- **13 t'Ottubru 2014** – Prim Appuntament fejn ġie ordnat l-inverżjoni tal-provi minħabba eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut Brian Degiorgio u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għas-17 ta' Novembru 2014.
- **17 ta' Novembru 2014** – L-avukat tal-konvenut għarraf lill-Qorti li kien se jippreżenta affidavits fil-jiem ta' wara u l-kawża ġiet differita għall-għeluq tal-provi tal-konvenut fuq l-eċċezzjonijiet preliminari għall-15 ta' Jannar 2015.
- **15 ta' Jannar 2015** – Il-provi tal-konvenut dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ġew dikjarati magħluqa u inbeda l-kontro eżami ta' Brian Degiorgio. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-kontro-eżami ta' Brian Degiorgio għall-25 ta' Frar 2015.
- **25 ta' Frar 2015** – Ġie konkluż il-kontri eżami ta' Brian Degiorgio u ġew preżentati dokumenti. Il-kawża ġiet differita għall-kontro eżami ta' Darren Grima għas-16 ta' Marzu 2015.
- **16 ta' Marzu 2015** – Sar il-kontro eżami ta' Darren Grima. Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-attriċi għall-21 t'April 2015.
- **21 t'April 2015** – Xehedet Maria Stella Calleja u saret talba sabiex jixhed ċerta John Farrugia li ssemma fix-xhieda ta' Darren Grima. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-kontro-eżami tal-attriċi Maria Stella Calleja għat-13 ta' Mejju 2015.
- **13 ta' Mejju 2015** – Xehedet Maria Stella Calleja u l-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-provi għall-11 ta' Ġunju 2015.
- **11 ta' Ġunju 2015** – Ma sar xejn peress li minħabba imprevist l-avukat tal-attriċi ma kienx preżenti fil-ħin tal-kawża. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-provi għat-8 t'Ottubru 2015.

- **8 t'Ottubru 2015** – Saret talba mill-avukat tal-attriċi, liema talba ntlaqgħet mill-Qorti, sabiex dokumenti ta' natura personali jinżammu ssiġillati fis-sigrieta. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-provi għat-30 ta' Novembru 2015.
- **30 ta' Novembru 2015** – Saret talba mill-avukat tal-konvenut sabiex jiġi awtorizzat iħarrek bħala xhieda rappreżentanti tal-banek u sabiex jinħatar espert kalligrafu. Filwaqt li laqgħet l-ewwel talba, il-Qorti ċaħdet it-tieni talba f'dak l-istadju. Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għat-3 ta' Frar 2016.
- **3 ta' Frar 2016 –** Dehru rappreżentanti tal-banek imħarrka iżda minħabba żball fl-inġunzjoni, ma xehedux. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut partikolarment ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-banek għall-11 t'April 2016.
- **11 t'April 2016 –** Xehedu rappreżentanti tal-banek imħarrka għal dak in-nhar li kollha ppreżentaw dokumenti. Il-kawża ġiet differita għall-eżami tad-dokumenti ppreżentati għat-23 ta' Mejju 2016.
- **23 ta' Mejju 2016 –** Xehedu rappreżentanti ta' banek oħra. Il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u l-kawża ġiet differita għas-sentenza, bil-fakulta ta' noti ta' sottomissjonijet fil-mori, għall-5 t'Ottubru 2016.
- **5 t'Ottubru 2016 –** Ingħatat sentenza.

Illi s-sentenza tal-Prim Awla mogħtija fil-5 t'Ottubru 2016 laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-attur, hemmhekk konvenut, Brian Degiorgio *"iħallas l-ammont ta' €58,240 lill-attriċi bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Mejju 2013. Bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut"*

Illi in segwitu għal din is-sentenza l-attur Brian Degiorgio, hemmhekk konvenut, interpona appell nhar l-24 t'Ottubru 2016, liema appell kien jikkonsisti f'4 aggravji, u li permezz tiegħu ntalab li s-sentenza tal-5 t'Ottubru 2016 tiġi revokata u minflok jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tal-appellant.

Illi Maria Stella Calleja, l-appellata rrispondiet fit-22 ta' Novembru 2016 u fl-20 ta' Lulju 2017 ippreżentat ukoll rikors sabiex il-Qorti tal-Appell titratta l-appell b'urgenza u tappuntah għas-smigħ *'fil-ġejjieni qarib'*. It-talba ta' Calleja madanakollu ġiet miċħuda peress li skont il-Qorti tal-Appell *"ma kinux jeżistu raġunijiet suffiċjentu fil-liġi"*.

Illi permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Settembru 2021 il-Qorti tal-Appell appuntat l-appell għas-smigħ għall-21 t'Ottubru ta' dik l-istess sena. Matul is-seduta tal-21 t'Ottubru 2021, l-appell ġie differit għat-trattazzjoni għat-13 ta'

Jannar 2022. Fit-13 ta' Jannar 2022 l-appell ġie trattat u differit għas-sentenza għal nhar is-17 ta' Marzu 2022.

Illi l-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2022 ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-5 t'Ottubru 2016 fis-sħiħ.

Illi l-attur **Brian Degiorgio xehed permezz ta' affidavit**[2] fejn spjega li huwa xogħolu fil-propjeta' u li kien daħal f'negozju dwar xiri ta' propjeta f'San Ġiljan fejn kien iffirma 2 skritturi privati ma Maria Stella Calleja li permezz tagħhom wedgħa l-ħlas ta' Lm25,000 ekwivalenti għal €58,240 għas-servizzi li kienet tagħtu. Hu jispjega li nfetħet kawża kontra tiegħu għall-ħlas ta' dan l-ammont u li hu kkontesta din il-kawża peress li kien ħallas kollox. Huwa jispjega kif il-Qorti kemm fl-ewwel istanza u kemm fl-appell, iddeċidiet kontra tiegħu u kif bejn Ottubru tas-sena 2016 u Ottubru tas-sena 2021 huwa ma semgħa xejn mill-Qorti u li għal dan iż-żmien weħel €25,390.50 f'imgħaxijiet. Degiorgio jkompli jispjega li bejn sorte imgħaxijiet u spejjeż tal-Qorti huwa ħallas l-ammont ta' €105,796.73 u jinsisti li ħallas madwar €25,000 żejda.

Illi **in kontroeżami Brian Degiorgio** insista li hu ħallas lil Maria Stella Caruana darbtejn peress li kien ħallasha malli sar in-negozju u reġa ħallas wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Degiorgio jgħid li huwa ma pprovax jiddepożita l-flus il-Qorti u jgħid ukoll li tul il-ħames snin li għamel jistenna l-appell, m'għamel xejn biex jitħaffef il-proċess pero kien jaf li l-attriċi għamlet talba li ġiet miċħuda.

Illi **xehedet Karen Falzon**[3] in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili dwar il-kawża numru 691/2014 u l-appell relattiv fejn ikkonfermat:
- id-data tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, ċioe l-5 t'Ottubru 2016;
- id-data ta' meta ġie intavolat l-appell, l-24 t'Ottubru 2016;
- id-data ta' meta tħallset in-notifika tar-rikors tal-appell, l-24 t'Ottubru 2024 b'żieda nhar l-10 ta' Novembru tal-istess sena;
- id-data ta' meta r-rikors tal-appell ġie notifikat, il-15 ta' Novembru 2016;
- id-data tad-digriet bl-avviż tas-smigħ, id-29 ta' Settembru 2021;
- id-data tal-ewwel seduta tal-appell, l-21 t'Ottubru 2021;
- id-data ta' meta tħallset il-kawtela, l-10 ta' Jannar 2022;
- d-data tat-tieni seduta tal-appell li matulha saret it-trattazjoni, t-13 ta' Jannar 2022; u
- id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, is-17 ta' Marzu 2022.

Falzon ikkonfermat ukoll li Maria Stella Caruana kienet ippreżentat rikors sabiex l-appell jinstema b'urġenza liema rikors ġie miċħud.

[2] Fol 24
[3] Fol 29

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qed jitlob rimedju minħabba allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dan minħabba dewmien fil-kawża *Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio* partikolarment id-dewmien ta' ħames snin minn meta ġie intavolat l-appell fl-24 t'Ottubru 2016, sad-data tal-ewwel seduta tal-istess appell fil-21 t'Ottubru 2021.

Illi qabel ma tipproċedi biex tikkunsidra dan l-allegat ksur, il-Qorti ser tirreferi għall-eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (ir-Reġistratur) u cioe li huwa mhux leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni.

## Leġittimu Kuntradittur

Ikkunsidrat

Illi kif intqal ir-Reġistratur ressaq eċċezzjoni preliminari permezz ta' liema jgħid li huwa mhux leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni.

Illi r-Reġistratur jirreferi għar-regola numru 9 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, leġislazzjoni sussidjarja 12.09, u jenfasiżża li huwa jieħu ordnijiet mingħand il-Qorti u m'għandux is-setgħa jitfa xi kawża fuq il-lista mingħajr ordni ta' Maġistrat jew Imħallef.

Illi filfatt regola 9(1) tar-regoli hawn fuq imsemmija tipprovdi li:

> *9.(1) Meta jkun qed jagħmel il-lista msemmija fl-artikolu 194 tal-Kodiċi, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, jew ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex, kif ikun il-każ, għandu jimxi skond dawk id-direttivi li jistgħu jingħatawlu mill-qorti li għandha tara li, kemm jista' jkun possibbli, il-kawżi jinstemgħu u jinqatgħu fl-ordni kronoloġiku li fih ikun ġie preżentat fir-reġistru tal-qorti l-att promotorju tal-kawża. Mhux il-kawżi kollha li qegħdin fi stat li jistgħu jinstemgħu għandhom jitqegħdu fuq il-lista, iżda dawk biss li l-Imħallef jew il-Maġistrat, kif ikun il-każ, iqis li jista' jittratta f'seduta partikolari:*

*Iżda mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa oħra li tinsab f'xi liġi oħra, għandhom jitqegħdu l-ewwel għas-smigħ, u fil-fatt jinstemgħu l-ewwel, dawk il-kawżi li jkunu –*
*(i) kawżi ta' ritrattazzjoni;*
*(ii) kawżi ta' spoll imsemmija fl-artikolu 791 tal-Kodiċi;*
*(iii) kawżi dwar disprezz tal-qorti;*
*(iv) appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)*
*(v) kawżi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għarfien u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin;*
*(vi) kawżi ta' arbitragg; u*
*(vii) kawżi li min-natura tagħhom stess jenħtieġ li jiġu trattati bi speditezza ikbar.*

Illi huwa mill-aktar ċar minn qari ta' dan ir-regolament li għal dak li jirrigwarda tpoġġija ta' kawżi fuq il-lista r-reġistratur jaġixxi biss skont l-ordnijiet lilu mgħotija. Dan ir-regolament filfatt jirrifletti dak li jrid l-artikolu 58 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment is-subartikolu (8) li jipprovdi li;

*ir-reġistratur jieħu l-ordnijiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' kull proċedura legali u dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' kull att ġudizzjarju*

Illi din il-prinċipju ġie riaffermat diversi drabi u b'mod kostanti mill-qrati tagħna. Fs-sentenza **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura et** [4] il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

*Kwantu għall-appellat Reġistrtur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f' din il-kawża.* ***Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakat bir-rikors promotorju – anzi bil-kontra, huwa jieħu l-ordinijiet minn għandhom skond il-liġi – hu ma hux f' posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x' tiċċensura fuq il-livell Kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.***[5]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et**[6], fejn ukoll ġie diskuss ir-rwol tar-Reġistratur bħala wieħed mill-konvenuti f'dik il-kawża, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li :

[4] Appell numru 1/2004/1 deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta 'Ottubru, 2005.
[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] Appell numru 19/2009/1 deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2014.

*Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali jimxi fuq l-ordnijiet li jingħatawlu minn dik il-qorti, u ma jweġibx hu għal dawk l-ordnijiet. Jekk, sabiex jitħarsu l-jeddijiet tal-attur, ikun tassew meħtieġ li proċess bil-ġuri tal-attur isir qabel dak ta' ħaddieħor, din il-qorti tagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens, u jkun imbagħad imiss lill-Qorti Kriminali li tmexxi l-proċess b'mod li jkun kompatibbli mal-jeddijiet tal-attur, u r-reġistratur jimxi fuq l-ordnijiet li tagħtih dik il-qorti.*

Illi anke din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Vasileios Sarafis pro et noe vs L-Avukat tal-Istat et**[7] osservat li:

*64. ... ġjaladarba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem lamentat mill-attur huwa relattiv għall-operat tal-Qorti u ġjaladarba l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-eżekuttiv, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Qorti, ma jista' qatt jitqies bħala leġittimu kontradittur.*

*65. B'hekk il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni hija meritata u għaldaqstant tiddikjara illi r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.'*

Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Grixti vs L-Avukat tal-Istat et**[8], li pero tirrigwardja leżjoni ta' smigħ xieraq għal raġunijiet differenti minn dawk tal-kawża odjerna, il-Qorti qalet hekk dwar l-inklużjoni tar-Reġistratur bħala konvenut:

*Ir-Reġistratur ma kienitx parti fil-kawża li dwarha nqalgħet din il-kwistjoni. Lanqas ma jista' jingħad li hi kienet direttament jew indirettament responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li, skont is-sinjura Grixti, jikser id-drittijiet fundamentali tagħha.* ***Kif targumenta l-irwol tagħha huwa biss amministrattiv, u ma tirrappreżentax lill-Qrati – anzi hi tieħu ordnijiet mingħandhom****. Tajjeb li jingħad ukoll li r-Reġistratur mhix f'pożizzjoni li tagħti r-rimedji li l-Qorti ġiet mitluba tipprovdi għall-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sinjura Grixti.*[9]

Illi għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-Reġistratur, li ma kienx parti fil-kawża **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** ma jista' qatt ikun

[7] 240/2020 FDP - Prim Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali 7 ta' Novembru 2024 – mhux appellata.
[8] Deċiża fit-3 ta' Settembru 2024 mill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali; din is-sentenza ġiet appellata u tinsab pendenti deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.
[9] Enfasi tal-Qorti.

responsabbli għall-dak li jilmenta minnu l-attur u lanqas ma jista' jagħti r-rimedju mitlub mill-attur.

Illi in vista ta' dan il-Qorti qed tilqa' l-eċċezjoni in eżami u tiddikjara li r-Reġistratur mhux leġittimu kontradittur u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat

**<u>L-artikolu 39(1)u(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni</u>**

Illi l-attur qed jallega li l-fatti kif seħħu jikkostitwixxu ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għall-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli  bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (il-Kostituzzjoni) u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni).

Illi artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li :

> *1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Illi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

Illi dan is-sub-artikolu ċertament li mhux applikabbli għall-kawża odjerna u dan stante li d-dewmien li qed jilmenta minnu l-attur huwa f'kawża ċivili u mhux

kriminali. Filfatt is-sub-artikolu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni applikabbli għall-każ odjern huwa numru (2) li jipprovdi:

> *(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandujiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jirreferi għall-artikolu 39(2) u mhux 39(1) bħala dak li fuqhu qed jibbaża l-lanjanza tiegħu.

Illi r-regola 3(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni, leġislazzjoni sussidjarja 12.09, tipprovdi li:

> *3.(1) Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment* ***u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura.***[10]

Illi l-ebda wieħed mill-konvenuti ma ressaq xi eċċezzjoni li l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ma kienx applikabbli għal dan il-każ anzi l-Avukat tal-Istat wieġeb u tratta l-kawża daqs li kieku l-lanjanza tal-attur hija dik li ġarrab ksur tad-drittijiet kontemplati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni mingħajr ma daħal fil-mertu ta' liema huwa s-subartikolu appikabbli.

Illi għalhekk din il-Qorti jidrilha li, in vista tal-fatt li n-numru tal-artikolu indikat kien korrett u kien biss is-sub-artikolu li kien żbaljat, hija għandha tqis il-lanjanza tal-attur anke b'referenzagħal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-ilment tal-attur huwa li kien hemm dewmien irraġonevoli fil-kawża fl-ismijiet *Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio* **u dan b'referenza għaż-żmien li għadda minn meta preżenta l-appell sakemm dan l-appell ġie appuntat.** Fit-talba kif dedotta fir-rikors promotur l-attur ma jillimitax l-ilment tiegħu għal dan iż-żmien pero dan joħroġ ċar kemm mill-affidavit tal-istess attur li jilmenta

[10] Enfasi tal-Qorti.

li tilef mal-€25,000 tul il-perjodu ta' 5 snin jistenna l-appell jiġi appuntat u joħroġ aktar ċar u konkret min-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess attur fejn fiha jgħid li *'Il-lanjanza tal-esponent tirrigwardja* ***unikament*** *l-istennija ta' ħames snin bejn il-mument li huwa appella, sakemm inżammet l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell'*[11]

Illi għalhekk il-Qorti se tillimita ruħha billi tikkunsidra il-lanjanza tal-attur b'rferenza għal dak il-perjodu ta' ħames snin bejn il-jum li ġie interpost l-appell tal-attur u l-jum tal-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell.

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, liema ġurisprudenza segwiet dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, siltet bħala gwida, tlett elementi sabiex wieħed jiddetermina jekk iż-żmien meħud għad-determinazzjoni ta' kawża kienx wieħed raġonevoli. Dawk l-elementi huma:

1. Il-kumplessita tal-każ;
2. L-aġir tal-partijiet; u
3. X'għandu x'jitlef ir-rikorrent (*what is at stake for the applicant*).

Illi fil-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb)**[12] hu spjegat li:

> *543. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and in accordance with the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], 2000; Frydlender v. France [GC], 2000, § 43; Sürmeli v. Germany [GC], 2006, § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], 2016, § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, § 209). The Bieliński v. Poland judgment, 2022, summarised the applicable case-law principles (§§ 42-44).*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**[13] il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi:

> *'20. Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ewwel aggravju mressaq mill-Avukat Generali dwar jekk jezistix tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 6 tal-*

[11] Fol 51
[12] Kif aġġornat fil-31 ta' Awwissu 2024.
[13] Rikors numru 71/10 - Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016

*Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropeja, ossia il-komplessità tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.' (ECHR, Gordeyev vs Russia (Application no. 40618/04) 5/02/2015)*

*21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*22. Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).*

*" .... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)." (Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97).*

*23. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjetà demokratika. (Q. Kos. Emanuela Brincat vs L-avukat Generali,*

*21/2/1996 [Vol.80]). Dan jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl taccirkostanzi specjali tieghu.` Q. Kos. Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, 15/12/2015).*

*24. Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet Emanuel Portelli et v. Avukat Generali et, fejn dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tinghata s-sentenza inghad :*

*"[28] Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat ilkomplessità tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 talKonvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f'dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta' anzjetà u frustrazzjoni ... da parti taghhom, u ta' dan, ghandhom jigu kkumpensati."*

*25. Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea Richard Anderson v. United Kingdom deciza fid-9 ta' Frar 2010:*

*"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari v. the United Kingdom, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)....*

*"39. ... it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."*[14]

[14] Dan il-bran ġie ċitat b'approvazzjoni fis-sentenzi **Raymond Farrugia et vs Avukat Generali et (**Rikors numru 5/14 - Qorti Kostituzzjonali 26 ta' Mejju 2016) u **Mark Micallef vs Avukat tal-Istat (**Rikors numru 165/2021 - Prim Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzonali 11 ta' Jannar, 2023 ikkonfermata dwar il-jeddijiet fundamentali permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Marzu 2024).

Illi l-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fl-imijist **Bielinski v Poland**[15] ukoll tgħid li:

> *42. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case and having regard to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case and the conduct of the applicant and of the relevant authorities. On the latter point, what is at stake for the applicant has also to be taken into account (see Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 124, ECHR 2000-XI).*
>
> *43. **Article 6 § 1 of the Convention imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of the requirements of this provision,**[16] including the obligation to hear cases within a reasonable time (see, among many other authorities, Rutkowski and Others, cited above, § 128; Bottazzi v. Italy [GC], no. 34884/97, § 22, ECHR 1999-V; and Scordino v. Italy (no. 1), no. 36813/97, § 183, ECHR 2006-V).*
>
> *44. States are responsible for delays attributable to the conduct of their judicial or other authorities. They are also responsible for delays in the presentation of the reports and opinions of court-appointed experts. A State may be found liable not only for a delay in the handling of a particular case, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases, or for structural deficiencies in its judicial system that cause delays. Tackling the problem of unreasonable delays in judicial proceedings may thus require the State to take a range of legislative, organisational, budgetary and other measures (see Finger v. Bulgaria, no. 37346/05, § 95, 10 May 2011, with further references)*

Illi dan stabbilit l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-fatti tal-każ fid-dawl tat-tlett elementi stabbiliti mill-ġurisprudenza.

## Il-Kumplessita tal-Każ

Illi kien ikun neċessarju li dan l-element jiġi mistħarreġ bir-reqqa li kieku l-ilment tal-attur kien minn dewmien tul il-prosegwiment tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, jew dewmien sakemm il-Qorti għaddiet għall-prolazzjoni tas-sentenza, madanakollu, l-attur stess jiddikjara li huwa mhux jilmenta mid-dewmien

[15] Application no. 48762/19 – Deċiża 21 ta' Lulju 2022.
[16] L-enfasi huwa ta' din il-Qorti.

quddiem l-ewwel Qorti u lanqas mid-dewmien quddiem il-Qorti tal-Appell bejn l-ewwel seduta tal-appell u s-sentenza.

Illi dak li qed jilmenta dwaru l-attur huwa d-dewmien bejn meta ġie intavolat l-appell u l-ewwel seduta tal-appell, liema perjodu kien jestendi ħames snin sħaħ. Dan il-perjodu ta' stennija kien riżultat tal-limitazzjonijiet fir-riżorsi tal-Qorti u irrispettivament mill-kumplessita o meno tal-każ.

**L-Aġir tal-Partijiet;**

Illi l-aġir tal-partijiet ukoll kien jilgħab fattur importanti li kieku l-ilment kien dwar dewmien biex tiġi deċiża l-kawża bejn l-ewwel seduta u s-sentenza, fejn possibilment kienu jintalbu differimenti inutli jew seduti li ma jiġux użati tajjeb, pero dan mhux il-każ fil-kawża odjerna;

Illi l-Avukat tal-Istat jargumenta li l-attur messu għamel xi ħaġa sabiex l-appell jinstema b'mod urġenti jew b'aktar speditezza. Huwa minnu li l-attur ma ppreżenta ebda rikors sabiex jingħata preċedenza fis-smigħ tal-appell tiegħu, pero lanqas ma xekkel il-proċess, anzi kif irriżulta mill-provi, huwa ħallas in-notifika b'mod immedjat u l-avukat tiegħu deher għall-ewwel seduta minkejja li ma kienx notifikat bl-avviż tas-smiegħ u l-kawtela.

Illi huwa fatt magħruf li għal xi snin kien hemm *backlog* ta' appelli li kienu qed jistennew biex jiġu appuntati għas-smigħ pero, u f'nuqqas ta' ċirkostannzi straordinarji li kienu jiddettaw hekk, l-attur ma kellux l-obbligu li jitlob li l-appell tiegħu jingħata preċedenza fuq oħrajn. L-obbligu m'għandux ikun taċ-ċittadin li jipprova jqabbeż il-kju tal-appelli pendenti, iżda tal-Istat li jassigura li jkun hemm sistema adegwata u riżorsi suffiċjenti biex iż-żmien ta' stennija għas-smigħ tal-appelli jkun wieħed raġonevoli.

Illi aktar minn hekk in-nuqqas ta' xi talba da parti tal-attur odjern sabiex l-appell tiegħu jinstema b'urġenza lanqas ma jfisser li huwa rrinunzja għad-dritt li l-appell tiegħu jinstema u jiġi deċiż fi żmien raġonevoli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel tagħha il-pożizzjoni meħudha minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Melissa Buttigieg vs Avukat tal-Istat**[17] fejn ntqal li :

> *Dwar dan il-punt il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2017 fil-kawża fl-ismijiet Concrete Mix Limited vs. L-*

[17] 574/2021 NC – Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2022.

*Avukat Dottor Aldo Vella noe et (Numru 801/2013) fejn dwar ir-rinunzja ta' dritt, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:*

> *"In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Dr. Tim Ellis vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Ottubru 2012 irriteniet illi:*
>
> *"Jiġi rilevat li l-akkwixenza, jew ir-rinunzja ta' dritt, għandha f'kull okkażjoni tkun skjetta u inekwivoka. Kif spjegat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet Henri Rizzo noe et vs. Victor Ragonesi et (1677/1977):*
>
> *"F'materja ta' rinunzja ta' dritt hija ġurisprudenza stabbilita li din għandha tirriżulta b'mod ċar u univoku li ma jħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-parti rinunzjanti. Ġie ritenut:*
>
> *"Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta' preċiża ta' rinunzja. Quindi ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizji u l-fatti jħallu dubju dwar il-volonta' tal-persuna, dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinuzja" [PA Alfred Cauchi vs. Joseph Xuereb - 09.10.2003;] "La rinunzja non si presume e deve essere concludentemente provata; se é tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [App. Chappelle vs. Caruana Gatto - 17.06.1898]."*

*Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ L-Awtorità tad-Djar vs. Felicia Cutajar tal-25 ta' Novembru 2011 qalet illi:*

> *"Fis-sistema legali tagħna dawn iċ-ċirkostanzi ta' fatt iridu juru, pero', l-intenzjoni tal-parti li tagħti l-kunsens. Hekk, fil-kuntest ta' rinunzja taċita, kunċett simili għal dak issa trattat, intqal li biex jista' jingħad li dak li jkun ta l-kunsens tiegħu b'mod taċitu, jeħtieġ żewġ elementi; fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru, mingħajr dubbju, l-intenzjoni ta' dak li jkun li jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu. Hekk, fil-kawża*

> *Sammut et v. Azzopardi, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 1993, intqal b'mod ċar li l-kunsens taċitu jrid "il-volonta' preċiża li d-dritt qed jiġi abbandunat u, li l-fatt huwa assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt"."*

*Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad hawn fuq fil-kawża kkwotata u tagħmlu tagħha. Mill-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma jidher imkien li r-rikorrenti f'din il-kawża rrinuzjat għad-drittijiet tagħha.*

**<u>X'għandu x'jitlef ir-rikorrent (*what is at stake for the applicant*)</u>**

Illi element ieħor important huwa ta' x'għandu x'jitlef ir-rikorrent. Dan l-element għandu mill-element tal-'*causa'* fil-kawżi ċivili u dan peress li ma jistax ikun hemm leżjoni ta' dritt fundamentali jekk min qed jilmenta minn tali leżjoni ma sofra xejn.

Illi fil-kawa odjerna l-attur kellu x'jitlef fi kwalunke xenarju, bħal ma possibilment kellha x'titlef ukoll il-parti l-oħra fil-kawża u cioe Maria Stella Caruana.

Illi l-Avukat tal-Istat jargumenta illi jekk kien hemm vittma f'din iċ-ċirkostanza kienet Maria Stella Caruana li baqgħet ma tħallsitx. Huwa minnu li Maria Stella Caruana kienet vittma la darba hija ġiet mċaħħda minn flusha tul dawk is-snin kollha. Madanakollu ma jistax jiġi injorat li l-attur kellu ukoll ħafna x'jitlef.

Illi filfatt kif jirriżulta minn kalkolu sempliċi, l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-sorte ta' €58,234.25 jammonta għal €4,658.74 fis-sena, li f'ħames snin neqsin tlett ijiem jammontaw għal total ta' €23,264.75.

Illi jekk tul dawn il-ħames snin in kwistjoni il-flus kienu f'idejn l-attur, u dawn kienu qed irendu xi forma ta' imgħax jew jiġu mħaddma, il-preġudizzju ta' rata tant għolja, u cioe dik ta' 8% li ebda bank kummerċjali ma jagħti, xorta waħda kien hemm.-

**<u>Fatturi oħra</u>**

Illi apparti dan kollu l-attur bħal parti opposta fil-kawża, għadda minn żmien inutli ta' inċertezza li m'għandux jiġi injorat.

Illi f'sitwazzjoni simili li tirrigwardja ukoll id-dewmien sabiex jiġi appuntat appell, din l-Onorabbl Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Leo Micallef vs Avukat tal-Istat** tgħid li:

> *l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex kontroll shih fuq il-lista u dan stante li meta jidhol appell li jrid jinghata priorita` kif timponi l-ligi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex ghazla ohra hlief li tappuntah u tiddecidieh qabel kazijiet ohra. Ovvjament dawn il-kazi jinghataw il-precedenza stante li minn natura taghhom huma urgenti. Dan izda xejn ma jrendi d-dewmien ta' smigh ta' appelli ohra gustifikat tenut kont tac-cirkustanzi.*
>
> *Fil-kaz odjern jirrizulta li ghal perjodu ta' ben aktar minn erba' (4) snin, minn meta gie ntavolat l-appell u r-risposta ghall-istess, fil-procedura ta' dak l-istess appell ma sar xejn ghajr li kien qed jistenna fil-kju sabiex jigi appuntat. Ghalhekk ma jirrizultax li f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas li jista' jigi addebitat lil xi parti jew ohra. Din il-Qorti tqis li l-perjodu ta' erba' (4) snin, tmien (8) xhur, u tmint (8) ijiem huwa wiehed pjuttost twil anki meta komparat ma' zminijiet ohra fejn l-appelli quddiem l-istess Qorti kienu jiehdu ferm anqas biex jigu appuntati. Din il-Qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx rizultat ta' inefficjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero' kien rizultat fost ohrajn ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema gudizzjarjarja kif stabilita mill-Istat, nkluz numru limitat ta' gudikanti li mhumiex bizzejjed biex ilahhqu max-xoghol kollu li jidhol fil-Qrati, nkluz fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux zghir ta' haddiema kwalifikati fil-Qrati li jghinu sabiex il-proceduri jkunu jistghu jimxu b'aktar speditezza nkluzi 'clerks', deputati u anki 'avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli giet krejata t-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, kif jissottomettu l-istess rikorrenti, iz-zmien li wiehed jistenna sabiex appell jigi appuntat naqas ghalkemm xorta ghadu wiehed twil. Ghal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema jista' biss jahti l-Istat u hadd aktar.*

Illi din il-Qorti tikkondividi bis-sħiħ dan ir-raġunament.

Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti hija konvinta li l-istennija ta' ħames snin sakemm ġie appuntat l-appell fil-kawża fl-ismijiet *Maria Stella Caruana vs Brian Degiorgio* (691/2024), mhiex ġustifikata u kisret id-dritt fundamentali tal-attur għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli liema dritt hu sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ikkunsidrat

## Il-Kumpens

Illi l-attur jgħid fl-avvidavit tiegħu li d-dewmien ta' ħames snin swieħ madwar €25,000. Filfatt kif jirriżulta minn kalkolu sempliċi, l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-sorte ta' €58,234.25 jammonta għal €4,658.74 fis-sena, li f'ħames snin neqsin tlett ijiem jammontaw għal total ta' €23,264.75. Huwa qed jippretendi dan l-ammont sħiħ bħal li kieku dawn il-flus ma swewħ għal xejn tul il-ħames snin li dam ma ġie appuntat l-appell.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef v. Avukat tal-Istat** deċiża[18] minn din il-Qorti diversament preseduta ntqal li:

> *Mill-provi rriżulta li kien hemm dewmien irraġonevoli partikolarment fuq medda ta' tmien snin li matulhom il-Qorti kif dakinhar preseduta tat 23 differiment għas-sentenza kif ukoll ħames snin oħra sakemm l-appell ġie appuntat għas-smigħ. Dan ifisser, li madwar zewġ terzi taż-żmien li matulu damu għaddejjin il-proċeduri iddekorra inutilment. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-attur għandu jieħu f'kumpens pekunjarju ekwivalenti għal żewġ terzi tal-ammont li huwa ħallas f'imgħaxijiet, u cioè is-somma ta' €33,542, kif ukoll kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €2,000.*

Illi dik il-parti tas-sentenza hawn fuq ċitata pero ġiet riformata mill-Qorti Kostituzzjonali[19]. F'dik il-kawża kien hemm fis-seħħ mandat ta' sekwestru kawtelatorju u l-Qorti qalet illi:

> *Huwa minnu wkoll iżda illi ma nġibtx prova li l-flus ġew żbankati, u għalhekk il-qorti tifhem li baqgħu depożitati f'kontijiet li jagħtu mgħax. Dan l-imgħax baqa' jakkumula fil-kontijiet tal-attur li għalhekk baqa' jgawdi l-effett ta' flus li, fis-sewwa, ma kellhomx jibqgħu tiegħu iżda tal-kreditur tiegħu. Jekk issa l-attur jingħata l-imgħax li kellu jħallas lill-kreditur tiegħu wara s-sentenza jiġi li jkun ħa hu l-benefiċċju tal-imgħaxijiet li nġabru fid-depożiti bankarji sakemm dawn baqgħu sekwestrati.*
>
> *Tassew illi l-imgħaxijiet li jingħataw fuq kontijiet bankarji għamlu żmien ikunu ferm anqas mill-imgħaxijiet legali, u għalhekk l-attur xorta*

[18] Fil-11 ta' Jannar 2023.
[19] Permezz ta' sentenza mgħotija fil-11 ta' Marzu 2024.

> *ġarrab xi telf, iżda l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti, li ma qieset xejn l-imgħaxijiet li għaddew favur l-attur sakemm il-flus kienu sekwestrati, huwa wisq.*

Illi fil-proċeduri odjerni ma jidhirx li l-flus dovuta lil Maria Stella Caruana ingħatawlha qabel sentenza finali tal-Qorti tal-Appell[20]. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja l-Qorti għandha kull raġuni li tifhem li dawn il-flejjes kienu qed jinżammu mill-attur f'kontijiet li jrendu imgħax jew kienu qed jiġu xort' oħra mħaddma a vantaġġ tiegħu, anka tenut kont tal-fatt li l-attur huwa negozjant li allura seta' investa l-flus dovuta lil Caruana fin-negozju tiegħu.

Illi fis-sentenza hawn appena ċitata **Mark Micallef vs Avukat tal-Istat** il-Qorti Kostituzzjonali tkompli tgħid li:

> *24. Huwa minnu wkoll illi l-attur ħa benefiċċju ieħor bid-dewmien, li l-ewwel qorti wkoll ma qisitux: minħabba l-effett tal-inflazzjoni, il-flus li ħallas l-attur għas-sorte fl-2020 jiswew anqas minn kemm kien jiswa l-istess ammont fl-2002. Maħduma fuq l-indiċi tal-inflazzjoni ippubblikat taħt l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158], is-somma ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin euro (€34,941) li ħallas l-attur bħala sorte fl-2020 kienet tiswa biss ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro (€25,373) fi flus tal-2002.*
>
> *25. Meta tqis dan kollu, u tqis ukoll dak li ngħad dwar l-ewwel aggravju, u wkoll il-fatt illi l-eżitu tal-kawża li tilef l-attur kien x'aktarx prevedibbli, b'mod li litigant in bona fide ma kienx sejjer jikkontesta, sal-grad ta' appell, kawża bħal dik li saret kontra l-attur, din il-qorti taqbel mal-konvenut appellant illi l-kumpens għad-danni patrimonjali għandu jkun ferm anqas.*
>
> *26. Il-qorti għalhekk sejra l-ewwel tnaqqas il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti b'sehem minn erbgħa (¼) għar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel aggravju, li jħalli bilanċ ta' madwar ħamsa u għoxrin elf, mija u ħamsin euro (€25,150). Imbagħad sejra tnaqqas dan il-bilanċ bi proporzjon maż-żieda fl-inflazzjoni bejn l-2002 u l-2020, li jħalli bilanċ ta' madwar tmintax-il elf, mitejn u sittin euro (€18,260)7 . Meta tnaqqas imbagħad l-imgħaxijiet li nġabru fuq il-flus sekwestrati b'rata medja ta' tnejn fil-mija fis-sena (2% p.a.) fit-tmintax-il sena li damet għaddejja l-kawża jifdal bilanċ ta' madwar €5,6808 bħala danni*

[20] Kieku ma kienx jiddekorri l-imgħax li qed jilmenta dwaru l-attur.

> *patrimonjali.*[21] *Meta tqis ukoll illi dan kien każ ta' dewmien f'kawża ċivili li, għalkemm mhux xieraq, huwa anqas gravi minn dewmien f'kawża kriminali*

Illi din il-Qorti se tkun qed tadotta l-istess linja ta' ħsieb u l-istess metodoloġija użata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza suċitata. Filfatt is-somma ta' €58,234.24 imħallsa fl-2022 maħduma fuq l-indiċi tal-inflazzjoni ippubblikat taħt il-Kap. 158, kienet tiswa €49,086.74 fi flus tal-2013.

Illi fil-kalkoli tagħha l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-attur tilef il-kawża fiż-żewġ stadji u irrispettivament minn dak li qed jinsisti fuqu, u cioe li ħallas l-ammont li kellu jħallas darbtejn, l-unika ħaġa li din il-Qorti tista tieħu bħala stat ta' fatt hija is-sentenza tal-Prim Awla tal-5 t'Ottubru 2016 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2022 bil-konferma li l-attur kellu jħallas lil Maria Stella Caruana u ma ħallasiex qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, b'mod li tul dak iż-żmien kollu il-flus kienu dejjem fil-pussess tiegħu.

Illi għalhekk sabiex tikkalkula l-ammont li ħaqqu l-attur il-Qorti se tkun qed tnaqqas l-ammont ta' €23,264.75 (l-interessi akkumulati matul il-ħames snin stennija) bi proporzjon maż-żieda fl-inflazzjoni bejn l-2013 u l-2022, li jħalli bilanċ ta' €19,610.29[22]. Meta tnaqqas imbagħad l-imgħaxijiet li nġabru fuq is-sorte b'rata medja ta' tnejn fil-mija fis-sena (2% p.a.) fid-9 snin li għaddew minn meta ġiet intavolata l-ittra uffiċjali u ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell[23], jifdal bilanċ ta' €9,128.13. Meta tqis li l-attur kien qed jappella xjentament mis-sitwazzjoni u konsapevoli tal-fatt li xi stennija se jkun hemm, għalkemm mhux l-istennija irraġonevoli ta' 5 snin, din il-Qorti jidrilha li l-ammont ta' €8,000 f'kumpens pekunjarju huwa wieħed suffiċjenti.

Illi l-Qorti jidrilha ukoll li l-attur ħaqqu ukoll ħlas ta' danni non-pekunjarji għal dak id-dewmien li għadda minnu. F'dawn iċ-ċirkostanzi u in linja ma' ammonti likwidati f'kawżi simili l-Qorti hija tal-fehma li kumpens non pekunjarju ta' elf euro (€1,000) huwa adegwat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi, fil-waqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut l-Avukat tal-Istat,

[21] Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet billi qiset li dewmien f'kawżi ċivili huwa anqas gravi minn dewmien f'kawżi kriminali u stabbilit l-kumpens pekunjarju fis-somma ta' €4,000.

[22] €23264.75 ÷ 974.40 x 821.34 = 19,610.29

[23] €10,482.16

**1. Tilqa' l-ewwel talba** tal-attur u tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan minħabba d-dewmien ta' ħames snin minn meta ġie intavolat l-appell sa ma beda jinstemgħa l-istess appell fil-kawża Maria Stella Caruana vs Brian Degiorgio (691/2014).

**2. Tilqa' t-tieni talba** tal-attur u tiddikjara li l-konvenut l-Avukat tal-Istat hu responsabbli għad-danni pekunjarji u danni morali dovuti lill-attur minħabba dan il-ksur ta' dritt fundamentali u tillikwida l-kumpens dovut fis-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) bħala danni pekunjarji, u elf ewro (€1,000) bħala danni morali li huma dovuti lill-attur skont kif fuq spjegat, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**3. Tordna** li l-ispejjeż kollha jkunu sopportati mill-Avukat tal-Istat ħlief għall-ispejjeż tal-konvenut ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li għandu jtħallsu mill-attur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**